# San Pawl tal- Qlejgħa
# - Mosta -

Kitba ta' Roderick Busuttil (Ħajr: Tony Terribile).

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

Jekk hawn knisja li tingħaraf liema hi mill-ewwel, hija dik li nsibu fil-limiti tal-Mosta, iddedikata lil San Pawl, li tinsab eżattament f'nofs Wied il-Qlejgħa (*Chadwick Lakes*). Id-disinn uniku tagħha kif ukoll il-lok pittoresk li tinsab fih jagħmluha waħda li tingħaraf mill-ewwel. Il-lok fejn qiegħda din il-knisja hu r-raġuni għaliex hija magħrufa bħala ta' San Pawl tal-Qliegħa, (jew tal-Qlejja skont xi wħud iżda ara n-nota fi tmiem ta' din il-kitba). Xi kultant hija magħrufa ukoll bħala *tal-Minġiba*, li hu isem ieħor għall-inħawi fejn qiegħda l-knisja. Din il-knisja għalhekk toffri wieħed mill-isbaħ kwadri mlewwna tal-ambjent bejn ir-Rabat u l-Mosta.

**Oriġini**

Il-knisja tiġbed l-attenzjoni ta' kull min ikun għaddej minn dawn l-inħawi għax hi maqtugħa minn kull bini u mdawwra biss bil-beraħ tal-kampanja. Jidher li bdiet tinbena għal ħabta tas-sena 1690 flok oħra iktar qadima. Skont il-vizti pastorali tal-isqfijiet li żaru din il-knisja, ta' kull sena kienet tiġi ċċelebrata festa tal-Konverzjoni ta' San Pawl, li taħbat nhar il-25 ta' Jannar. Magħha kien hemm ukoll ċimiterju li fih kienu jindifnu il-mejtin tal-inħawi.

Fuq l-altar kien hemm pittura ta' San Pietru u San Pawl. Maż-żmien iżda, in-nuqqas ta' interess wassal għall-abbandun ta' din il-knisja. Għamlet żmien twil hekk sakemm inbniet din li naraw illum fis-seklu sbatax. Il-knisja tbierket minn Dun Ferdinando Casteletti nhar id-9 ta' Frar tas-sena 1695.

**Il-knisja minn barra**

Din il-knisja għandha arkitettura barrokka mill-isbaħ. Jidher li ġiet mibnija bejn is-sekli sbatax u tmintax meta dan l-istil kien fl-aqwa tiegħu fil-gżejjer tagħna.

Il-frontispizju tagħha għandu stil uniku, li m'hawnx ieħor bħalu fil-gżejjer tagħna. Minflok kif imdorrijin naraw is-soltu, jiġifieri li dan jitla' għal ponta fil-parti ċentrali, f'dan il-każ jogħla fil-ġnub u jinżel fin-nofs, biex jagħti spazju għal kampnar. Fil-ġenb jitilgħu wieħed fuq kull naħa żewġ fjammi tal-ġebel. Il-kampnar, li xi darba kellu qanpiena mdendla fih, hu sabiħ ħafna u hu skolpit fil-ġnub tiegħu.

Uniku wkoll għall-għamla tat-tifsila tiegħu huwa ż-żuntier ta' quddiem il-knisja, li għandu forma ta' nofs tond. Fuq dan jitilgħu tlett tarġiet li jwasslu għall-bieb tal-knisja.

Fil-bieb prinċipali li llum jinsab taħt il-livell tat-triq, u li trid tinżel għalih bit-taraġ, hemm gwarniċa trijangulari. Fuq il-bieb insibu tieqa kwadra li ddawal il-knisja minn ġewwa. Fil-ġnub tal-faċċata jitilgħu żewġ pilastri skont l-ordni Toskan li jżommu l-frontispizju tal-knisja, u li jkomplu jżejnu l-faċċata tal-knisja. F'wieħed mill-ġnub tal-knisja għadhom jidhru xi mwieżeb tal-ilma.

Għadna ukoll naraw tieqa żgħira fuq il-bieb li kienet tippermetti lid-devoti, l-iktar xi raħħala li kienu jkunu għaddejin bil-merħla tagħhom, biex meta l-knisja tkun magħluqa jaraw l-altar u jkunu jistgħu jgħidu xi talba lil Missierna San Pawl.

**Il-knisja minn ġewwa**

Jekk din il-knisja hija sabiha minn barra, daqshekk iehor hi minn ġewwa. Is-saqaf tagħha hu magħmul sistema troll u magħmul bi preċiżjoni kbira. Hu l-aqwa xhieda tal-kapaċita artistika ta' min għamel il-pjanta tagħha u tal-bennejja li bnewha.

Tinħass l-influwenza arkittetonika ta' Lorenzo Gafà li kien fl-aqwa tiegħu fiż-żmien li nbniet din il-knisja. Billi fiha ma naraw l-ebda tiżjin u pitturi, l-arkittetura tagħha aktar tiġbed l-attenzjoni ta' kull min jidħol ġewwa fiha.

Il-kwadru titulari, li kien jirrapreżenta n-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl, tneħħa minħabba raġunijiet ta' sigurta u llum minfloku naraw kwadru żgħir komuni tal-istess qaddis.

**Graffiti**

Fis-snin l-imgħoddija, din il-knisja kienet devota ħafna min-nies li kienu joqgħodu fl-inħawi. L-aqwa turija ta' xhieda ta' dan hu n-numru sabiħ ta' graffiti li naraw minquxa mal-faccata tal-knisja. Dawn jgħoddu għal madwar tletin u juru kemm xwieni, idejn mgħollija b'sinjal ta' talb, għasafar, forma ta' salib, kif ukoll qatta' tiben.

Jispikka fost dawn graffiti forma ta' xini li d-daqs tiegħu jagħmlu wieħed mill-ikbar li nsibu ma' faċċata ta' knisja fil-gżejjer tagħna. Dawn il-graffiti li jmorru lura għal tmiem is-seklu sbatax u l-ewwel nofs tas-seklu dsatax juru d-devozzjoni kbira li kellhom il-Mostin li meta kienu jaqilgħu xi wegħda kienu jridu jxandru dan kollu, u fost l-ohrajn iħallu graffit biex dak li kien ġara jibqa' mfakkar maż-żmien.

Illum il-Knisja ta' San Pawl tal-Qlejgħa tinsab fi stat tajjeb ħafna għax xi ftit żmien ilu ġiet restawrata. Il-faċċati kellhom ħafna mill-fili miftuħin li kienu qed iwasslu għal dħul ta' ilma li jikkawża ħafna ħsara fil-ġebla u fl-intern tal-kappella.

Ix-xogħol ta' restawr inkluda t-tindif tal-faċċati kollha u t-tberfil tal-fili tal-ġebla b'taħlita apposta u kompatibbli mal-kulur preżenti tal-ġebla. Sar ukoll *plastic repair* tal-partijiet nieqsa jew imkissra, u t-tiswijiet neċessarji tad-deffun. Wara li tlesta t-tikħil neċessarju fuq ġewwa, il-kappella tbajjdet b'taħlita magħmula primarjament mill-ġir. Bħala parti mill-proġett tar-restawr, u kif qed isir regolarment fuq proġetti simili, il-madwar immedjat

tal-kapella ukoll ġie restawrat. Għaldaqstant il-ħitan tal-pont li jinsab biswit din il-kappella ukoll ġew rrestawrati.

Illum din il-kappella sservi ta' post fejn wieħed jista' jieqaf u jistrieħ ftit, waqt xi mixja f'Wied il-Qlejgħa u toffri sfond mill-isbaħ għal xi artist biex ipitter l-kampanja Maltija. Fil-għaxija l-knisja tkun mixgħula u kull min ikun gej mir-Rabat jew l-Imġarr jista' japprezza l-ħlewwa fis-sempliċita tagħha.

Nota Editorjali:

Qed nikkoreġu l-ortografija tal-isem ta' din il-kappella għall-"*Qlejgħa*", minflok "*Qlejja*" kif konna ktibniha meta dehret f'din il-paġna għall-ewwel darba. Dan għamilnieh fuq suġġeriment tas-Sur Tony Bonello, viżitatur ta' dan is-sit.

Ir-riċerka tagħna turi wkoll li Wettinger, li miet f'Mejju tal-2015, jagħti l-isem tal-lokal bħala "*Wied il-Qlejgħa*" u jagħti wkoll il-forom *ilculeja*, *il culaya*, *kleya* bħala ismijiet li ssibhom f'atti notarili antiki. Hu jiddefinixxi l-isem "*Wied il-Qlejgħa*" bħala "*the valley of the small fort*". Il-kelma "*qalgħa*" hija mnissla mill-Arbi li kien jintuża fi Spanja (Arbi tal-Andalusija qabel ir-Reconquista – ara *Alcalá*). *Qlejja'* hi l-plural ta' "*qlejgħa*".

Kittieba oħrajn, bħal Profs V. Borg jgħid li l-kelma Qlejgħa ġejja minn *Culeia*, isem ta' raħal żgħir li kien fil-qrib. Is-sit *maltagenealogy.com* isemmi t-titlu tan-nobiltà mogħti fl-1737 mill-Gran Mastru Despuig lil Ignazio Bonici. Is-sit isemmi t-titlu bħala l-"*Baruni ta' Culeja*" iżda jikwalifika li hu magħruf ukoll bħala "*ta' Qlejjgħa*" jew ukoll "*ta' Qlejja*". Il-fewdu kien ilu mwaqqaf sa mis-seklu 14.

It-triq li hemm ħdejn il-kappella hi Triq il-Qlejja' iżda mbagħad il-wied li jgħaddi minn ħdejha jissejjaħ Wied il-Qlejgħa. Teżisti wkoll "*Binja Qlejja*" fl-Imtarfa. Iżda mappa tas-sittinijiet (*Ordinance Map Malta Gozo & Comino*) li

x-xogħol kollu warajha sar kollu mill-forzi armati Inglizi, probabilment mir-Royal Engineers, turi l-isem tal-iħawi bħala "*Qlejgħa Valley*". Mappa aktar qadima, mitbugħa fl-1897 ukoll turi l-lokal bħala "*Wied Kleigħa*".

Għalhekk aħna qed nagħżlu li nimxu skont il-kitba kif jagħtiha Wettinger fil-"*Place names of the Maltese Islands*".

Ir-ritratti tal-mapep tahomlna s-Sur Tony Bonello. Il-mappa u l-lista tal-1897 qed nirriproduċuhom fis-sit www.kappellimaltin.com bil-permess tal-Arkivji Nazzjonali. Ta' dan nagħtuhom ħajr.